MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 156/2012

**A B**

**vs**

**L-Avukat Cedric Mifsud u l-PL Jean Pierre Busuttil gew nominati b'degriet tad-9 ta' Novembru 2012 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi r-rikorrenti A B u l-intimat assenti C D m'humiex mizzewgin izda frott tar-relazzjoni taghhom twieldu zewgt ulied, u cioe` Sebastiano u Samuele D u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. IF 1 u IF 2 rispettivament;
2. Illi l-intimat, habta u sabta u minghajr preavviz ta' xejn, madwar xahrejn u nofs ilu telaq mill-gzejjer Maltin,

abbanduna lir-rikorrenti u fuq kollox lil uliedu biex mill-ftit informazzjoni li rnexxilha ggib l-istess rikorrenti, l-intimat mar jghix gewwa l-Messiku;

3. Illi minn dik il-gurnata li l-intimat assenti abbanduna lir-rikorrenti u l-familja tieghu u telaq mill-gzejjer Maltin sal gurnata odjerna, l-intimat m'ghamel ebda kuntatt mar-rikorrenti tant li blokka kull forma ta' komunikazzjoni maghha, inkluz permezz tal-internet u m'ghandha ebda informazzjoni ohra dwaru;

4. Illi minn dik il-gurnata li l-intimat assenti abbanduna r-rikorrenti u l-familja tieghu u telaq mill-gzejjer Maltin sal-gurnata odjerna kienet ir-rikorrenti li b'mod esklussiv hadet hsieb lill-uliedha l-minuri li jirrisjedu maghha;

5. Illi f'dawn l-ahhar xhur (u cioe` wara li l-intimat qabad u telaq barra minn Malta) u fil-prattika, ir-rikorrenti effettivament ghandha l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri. Tant hu hekk, li mid-data meta l-intimat telaq 'il barra minn Malta kienet ir-rikorrent li b'mod esklusiv hadet hsieb lill-ulied, kif wara kollox ghadha taghmel;

6. Illi huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li r-rikorrenti tigi fdata bil-kura u l-kustodja taz-zewg minuri Sebastiano u Samuele D u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

7. Illi stante li l-intimat mhux qieghed fil-gzejjer Maltin, l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma setghetx issehh u konsegwentement, ir-rikorrenti giet awtorizzata tintavola l-kawza odjerna u dan kif inhu evidenzjat mid-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat it-18 ta' Gunju tas-sena 2012 (ara Dok. IF 3 hawn anness);

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tikkonferma l-kura u l-kustodja tal-minuri Sebastiano u Samuele ahwa D f'idejn ir-rikorrenti ommhom b'mod esklussiv;
2. Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment ghal kull minuri, liema manteniment ghandu jinkludi wkoll l-edukazzjoni u sahha taz-zewg minuri;
3. Tordna lill-intimat sabiex ihallas din is-somma hekk likwidata direttament lir-rikorrenti f'kont bankarju ndikat mill-istess rikorrenti f'data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar;
4. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tapplika ghall-passaporti relattivi tal-minuri minghajr il-kunsens jew il-firma tal-intimat;
5. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex issiefer barra minn Malta flimkien mal-ulied minghajr il-firma jew il-kunsens tal-intimat;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Cedric Mifsud u PL Jean Pierre Busuttil li *in forza* taghha huma eccepixxew:

Illi l-kuraturi deputati m'ghandhom l-ebda informazzjoni dwar kif jistghu jikkuntatjaw lill-intimati peress ma nghataw l-ebda informazzjoni mill-attrici. Ghalhekk il-kuraturi deputati m'humiex edotti bil-fatti tal-kaz u ghalhekk m'humiex f'posizzjoni jwiegbu ghat-talbiet tal-attrici f'dan l-istadju.

Ghaldaqstant f'kaz li jirnexxielhom jaghmlu kuntatt jisservaw li, bl-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri.

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici tghid illi kellha relazzjoni serja ta' tnax-il sena mal-konvenut u minn din ir-relazzjoni twieldu zewg itfal, Sebastiano u Samuele, it-tnejn minuri. Ir-relazzjoni taghha mal-konvenut kienet pacifika u kienu jinsabu ferhanin flimkien. Sa fejn tiftakar hi l-attrici tghid illi l-ghawc beda fil-Milied tas-sena 2010 meta bdiet tara lill-konvenut jagixxi b'mod stramb. Meta staqsietu x'kienet ir-raguni, wara ftit tal-hin il-konvenut ammetta li kien imdejjaq maghha u li ghalkemm kien jirrispettaha ma kienx ghadu ihobbha. Ammetta ukoll illi kienet dahlet mara ohra f'hajtu, li kien ilu jafha madwar tlett xhur u li kien iltaqa maghha fuq il-facebook. Il-konvenut qal lill-attrici li din il-mara kellha ghoxrin (20) sena u kienet Messikana u li fl-14 ta' Jannar 2011 kien bi hsiebu jemigra ghal kollox minn Malta biex imur jghix maghha il-Messiku. Ghalkemm kien difficli ferm ghall-attrici li tifhem dan il-kliem bdiet tghid lill-konvenut li kienet lesta li tahfirlu u tkompli bir-relazzjoni sabiha li kellhom flimkien, izda il-konvenut insista li ma setghax ikompli jghix maghha. Tant kien deciz talli qalilha li l-ghada stess kien ser imur jghix xi imkien iehor sa kemm tasal il-gurnata tal-14 ta' Jannar 2011 meta kellu jitlaq ghal dejjem lejn il-Messiku. L-attrici infurmat lill-familjari tal-konvenut b'dak li kien gara. Kollha kienu mahsudin u inkwetati u ippruvaw icemplulu u jghidulu li kien qieghed jiehu decizjoni sbaljata. Ma dana kollu il-konvenut hareg mid-dar fejn kien jghix mal-attrici u ma uliedu, izda malli waslet il-gurnata tal-14 ta' Jannar 2011 il-konvenut kien cempel lill-attrici u talabha tahfirlu, kif fil-fatt ghamlet. Il-partijiet bdew imorru ghall-counselling ghand Mr Frank Muscat u il-konvenut kien jghid lill-attrici li kien qieghed ihossu ahjar. Wara ftit gimghat kollox beda gej ghan-normal. Gara illi bejn Jannar u Frar 2012 l-attrici regghet bdiet tinnota illi il-konvenut kien iqatta hafna hin fuq il-laptop u rat ukoll illi kien biddel l-atteggament tieghu. Meta staqsiet lill-

konvenut, ammetta maghha li minkejja li kien jirrispettaha, ma kienx ghadu jhobbha. Kien jichad li kien hemm xi mara ohra f'hajtu u kien jghidilha biss li ma kienx ghadu jhobbha, izda qalilha li kien ahjar li jibqghu jghixu flimkien ghall-gid ta' uliedhom. Darba minnhom fl-24 ta' April 2012, l-attrici irritornat id-dar wara gurnata xoghol u sabet zewg noti typed, izda mhux iffirmati mill-konvenut, wahda minnhom indirizzata lilha bil-Malti u l-ohra lill-genituri tieghu bit-Taljan. Bazikament il-messagg kien l-istess fiz-zewg noti. Il-konvenut qal li kellu dwejjaq kbar u ma setghax jiqba jghix billi jilbes maskra il-hin kollu. Kien stqarr li ghalkemm ma kienx tort tal-attrici u din ghalih ma kienitx decizjoni facli, kien tant imdejjaq b'hajtu illi kellu jitlaq minn Malta. Kien qal illi ma kienx ser jinsa lill-uliedu u li meta jista kien ser jibghat manteniment ghal uliedu. Izda minn dakinhar il-konvenut qatt ma rega' ikkomunika mal-attrici bl-ebda mod u kien ibblokkjaha ukoll minn fuq il-facebook. Hu qatt ma baghat manteniment ghal uliedu. L-attrici ippruvat tifhem x'setgha kien ghaddej minn mohh il-konvenut. Flimkien mal-familjari tal-konvenut iccekkjaw mas-superjuri tal-konvenut tax-xoghol peress li il-konvenut kien jaghmel parti mill-korp tal-pulizija. Il-pulizija infurmaw lill-attrici li l-konvenut kien talab xahar vacation leave biex imur ghal vaganza. Wara biss tlett gimghat, omm il-konvenut kienet irceviet telefonata minghandu fejn il-konvenut qalilha biex ma tinkwetax ghalih ghaliex fl-ahhar kien kuntent. Ommu talbitu jaghtiha xi numru fejn setghet tikkuntattjah, izda il-konvenut irrifjuta. L-attrici stharrget fuq il-facebook u irrizultalha illi il-konvenut kien qieghed il-Messiku ma tfajla ta' ghoxrin sena li jisimha Vanessa Arceo u rat ritratti taghhom flimkien. Jidhru ukoll illi huma mizzewgin. Xi erbgha gimghat wara, il-konvenut kien rega cempel lil ommu u rega irrifjuta li jaghtiha in-numru fejn setghet tikkuntattjah. L-attrici xehdet li minn dakinhar li l-konvenut telaq mid-dar hadet hsieb lit-tfal waheda. Il-konvenut qatt ma ikkuntattja la lilha u lanqas lit-tfal u qatt ma ghadda l-ebda tip ta' manteniment ghall-uliedu. L-attrici spjegat illi huwa ferm difficli ghaliiha illi tmantni lill-uliedha wahedha minghajr ebda ghajnuna minghand il-konvenut u xehdet ukoll illi hija difficli hafna ghaliha li tiehu hsieb lill-uliedha peress illi jitolbuha il-firma tal-konvenut meta tigi biex tiehu certu decizjonijiet fl-ahjar interess ta'

uliedha, inkluz decizjonijiet relatati mal-edukazzjoni ta' uliedha, kif ukoll ghas-safar u ghalhekk talbet lill-Qorti sabiex takkordalha il-kura u il-kustodja ta' uliedha. Hija xehdet illi uliedha baghtew hafna meta gew abbandunati minn missierhom u hi taghmel minn kollox biex trabbihom sew, taghtihom stabbilita f'hajjithom u ittaffilhom mill-ugigh li sofrew meta gew abbandunati minn missierhom.

Illi xehed ukoll is-Supretendent Mario Spiteri u qal illi il-konvenut kien kuntistabbli mal-Korp tal-Pulizija f'Malta u fis-27 ta' Marzu 2012 kien talab ghal tlieta u ghoxrin gurnata vacation leave. Ma kienx ta l-indirizz fejn setghu issibuh. Il-leave gie approvat u sussegwentement il-pulizija skoprew illi il-konvenut kien siefer lejn il-Messiku. Huwa ma irritornax lura ghax-xoghol, waqfulu il-paga u bdew ukoll procedura dixxiplinarja kontra tieghu peress illi ma irrappurtax lura ghax-xoghol. Ghalhekk gie deciz illi il-konvenut irrizenja mill-Korp tal-Pulizija fit-3 ta' Gunju 2012. Is-Supretendent Spiteri xehed illi irrizulta lill-pulizija illi l-konvenut ma ghandu l-ebda intenzjoni illi jirritorna f'Malta.

Illi xehed ukoll rapprezentant tal-APS Bank fejn kellu kontijiet bankarji f'ismu il-konvenut u qal illi il-konvenut kellu "current account" u il-bilanc huwa fis-sens illi il-konvenut ghandu jaghti is-somma ta' seba' mija u sitta u tmenin ewro (€786) lill-APS Bank. Irrizulta lill-bank illi il-konvenut jinsab il-Messiku ghaliex l-ahhar transazzjoni saret f'Messiku f'Gunju 2012.

Illi xehed hu l-attrici, kif ukoll il-habiba taghha Marlene Vella illi ukoll ikkonfermaw ix-xiehda tal-istess attrici.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici irnexxielha tipprova illi kienet unikament hi, minn mindu abbandunaha il-konvenut, illi hadet hsieb unikament u totalment lill-uliedha minghajr l-ebda ghajnuna minghand il-konvenut.

Illi ghalhekk u fl-interess tal-minuri huwa ghaqli illi il-kura u il-kustodja tigi mghoddija esklussivament f'idejn l-attrici

sabiex tkun tista tiehu id-decizjonijiet kollha illi jirrigwardaw l-edukazzjoni u is-sahha ta’ uliedha minuri u kif ukoll sabiex tkun tista issifirhom liberament.

Illi il-konvenut huwa responsabbli sabiex imantni lill-uliedu minuri u mhuwiex gust u ekwu illi tibqa tmantnihom unikament l-attrici.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa it-talbiet kollha attrici, u fir-rigward tat-tieni talba attrici, tiffissa is-somma ta’ erba’ mitt ewro (€400) fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewg minuri, liema manteniment jinkludi l-edukazzjoni u is-sahha tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------